# Notturn

*Ta'* Ġużè' Ellul Mercer

Smajtu jidħak f'nofs il-misraħ
Bla ma rajtu—kien id-dlam,
Leħnu jwassal, f'dik il-ħemda
Kont tistħajlu lsien tar-ram.

Ħriġt infittxu; xtaqt inkellmu
Nistaqsih kemm hu setgħan,
Għaliex jassar warajh dinja,
u jekk qattx kellu serħan.

Xtaqt nitqabad miegħu b'kelma,
Ridt nurih li ma nibżax,
Li jien akbar minnu f'kollox,
Li għalija ma jistax,

La jekk jilbes ġmiel id-dinja,
Lanqas jekk tad-dlamijiet
L-ikreh għata jitfa' fuqu,
Le jċaqlaqni b'dal-wirjiet.

Għandi rieda aktar kbira
Mis-setgħat tad-dlamijiet,
Għandi Ħsieb li jisboq kollox.
Jogħla iżjed mis-smewwiet.

Ħriġt infittxu, domt ma sibtu,
Iżda sibtu, għad li d-dlam,
Le ma rajtu, iżda smajtu,
Leħnu jċaqċap daqs ir-ram.

Jidħak kien u jidħak baqa'
Wara xita ta' tkasbir.
Xħin stabart u skitt ġie x'qalli :
"Tgħid id-daħk li jagħmlu kbir?"

"Kbir id-daħk, akbar mill-biki,
"Jidħol fl-għadam, jaqsam qalb,
"Jimla dinja, jdallam ħajja,
"U jinstema'... daqs it-talb!"

Baqa' jidħak f'nofs il-misraħ
Xħin ħallejtu hemm fid-dlam,
Leħnu jfaqqa', kont tistħajlu
Donnu għandu lsien tar-ram.